# Belt

Int ix-xemx ma tarax tielgħa,
ma tindunax li niżlet.
Dwalek artifiċjali kollha:
fil-ħwienet, fl-uffiċċju, fl-iskejjel, fid-djar,
U l-agħar
il-ħsejjes, it-trabijiet, iċ-ċinejiet,
l-egħluq, nies imgħaġġlin, nies imħassbin,
nisa mormija...
Tħares, tnemmes, tpespis, fastidju,
żgħażagħ mitlufa, maħmuġin, drogati.
Vizzji, ħżunija,
qerq, sultan tad-dnub.
Inħoss in-nostalġija
tar-raħal u l-kampanja,
tal-bdiewa u l-bhejjem tagħhom,
tal-gliegel ta' l-ilma safi;
villaġġi żgħar, ċkejknin, kennija,
u siġar u ħamrija,
fejn hemm is-sliem u l-hena,
is-saħħa u l-barka;
fejn hemm il-bdiewa jaħdmu fil-kwiet
man-nisa misturin,
bikrin,
ħarkiena,
ħienja bil-qligħ tal-jum,
bogħod mill-ħżunija u l-għelt
li ssib fil-belt.